REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1217

tal-14 ta' Lulju 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati lil Spanja għall-2021, għall-2022 u għall-2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(4) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2013, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 ([2]) li jipprovdi għal tnaqqis mill-kwota tal-kavalli allokata lil Spanja fl-2013 fid-diviżjoni 8c tal-ICES, fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 u mill-kwota tal-inċova fis-subżona 8 tal-ICES minħabba s-sajd żejjed tal-kwota tal-kavalli fl-2009.

(2) Fl-2021, Spanja ma staditx għal 3 400 tunnellata mill-kwota rilevanti tal-kavalli u b'hekk kien hemm inqas pressjoni tas-sajd fuq dak l-istokk meta mqabbel mal-kwantità massima permessa mill-opportunitajiet tas-sajd allokati għal dik is-sena. Spanja talbet li dawk il-kwantitajiet mhux mistada jitqiesu għat-tnaqqisiet mill-kwota tagħha tal-2021 u li jonqos it-tnaqqis previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 għas-snin 2022 u 2023 skont dan. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu adattati l-kwantitajiet għat-tnaqqis għall-2021, għall-2022 u għall-2023 stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 skont dan.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 tal-5 ta' Marzu 2013 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009 (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Stokk	Kwota inizjali għall-2009	Kwota adattata għall-2009	Qabdiet stabbiliti għall-2009	Differenza bejn il-qabdiet u l-kwota (is-sajd żejjed)	Tnaqqis 2013	Tnaqqis 2014	Tnaqqis 2015	Tnaqqis 2016	Tnaqqis 2017	Tnaqqis 2018	Tnaqqis 2019	Tnaqqis 2020	Tnaqqis 2021	Tnaqqis 2022	Tnaqqis 2023
MAC8C 3411	29 529	25 525	90 954	- 65 429	100	100	100	5 544	6 283	4 805	7 762	3 328	8 944	2 411	0
ANE08 ([1])								3 696	4 539	2 853	3 696	3 696	3 696	3 696	180

([1]) Għall-inċova, is-sena għandha tinftiehem bħala l-istaġun tas-sajd li jibda f'dik is-sena.